MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru. 188/1999

Il-**Pulizija**

**Spettur Raymond D’Anastas**

**VS**

**Carmel Azzopardi, iben Paul u Anna nee’ Zammit, imwieled Tal Pieta’ nhar is-16 ta’ Settembru, 1977, residenti Flat 6, St Paul’s Flats, Ruggier Loria Street, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita’ numru 469277M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Carmel Azzopardi** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-7 ta’ April, 1998 fil-Qawra, ghall-habta tad-disgha u nofs ta’ filghaxija, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dan meta kkaguna hsara fuq il-vettura ta’ Salah Said, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00), pero hija izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50.00);
2. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq l-imsemmija persuna ta’ Salah Said, u dan skont kif iccertifika t-Tabib Patrick Frendo MD u t-Tabib Grixti MD tal-Mosta;
3. U fl-ahharnett talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013, issa quddiem Qorti diversament preseduta, l-Avukat Difensur, issa li fl-ahhar gie notifikat l-imputat, irregistra s-segwenti verbal:

"*Dr Jason Grima ghall-imputat qieghed jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, stante li mill-process jirrizulta li l-ahhar riferta pozittiva tal-imputat hija dik li giet ezebita fis-seduta tad-19.07.2001, a folio 46, u fuq liema riferta kien inhareg mandat ta' arrest f il-konfront tal-imputat. Minn dakinhar ' l hawn l-imputat qatt ma gie arrestat u lanqas qatt ma gie notifikat b'riferta ohra validatament.*
*L-imputat jaghmel referneza ghall-Artikolu 693 tal-Kodici Kriminali, fejn jghid illi l-mandat ta' arrest jinterrompi l-preskrizzjoni, u la darba l-preskrizzjoni tigi nterrota, din terga' tibda tghaddi mill-gdid, u minn dakinhar sal-lum, lahqu ghaddew aktar minn sentejn;*
*Issir referenza wkoll ghall-Artikoli 687(2) li jitkellem fuq is-sospensjoni tal-preskrizzjoni, liema Artikolu dahal fis-sehh fis-sena 2002, u ghaldaqstant ma japplikax ghal dan il-kaz.*"

Rat l-atti kollha tal-kawza minn liema jirrizulta s-segwenti:

Illi l-kawza nbdiet fid-9 ta' April, 1999. Fl-ewwel seduta, l-Ufficjal Prosekutur gharraf lill-Qorti li l-imputat ma kinx ghadu joqghod fl-indirizz imsemmi. Giet differita ghal nhar it-28 ta' April, 1999. Issa f'din is-seduta l-imputat baqa' ma giex rintraccat. Giet differita ghal nhar is-16 ta' Gunju, 1999. Lanqas ma gie rintraccat ghas-seduta tal-14 ta' Ottubru, 1999.

Fit-30 ta' Novembru, 1999, fl-ahhar deher l-imputat assistit, u hawn bdiet il-kawza ghax giet moqrija l-akkuza u sar id-debita nterrogatorju.

Fis-seduta segwenti tat-3 ta' Frar, 2000, il-Magistrat Inkwirenti kien indispost, allura s-seduta ma saritx. Hawn il-kawza thalliet ghad-29 ta' Frar, 2000. L-imputat deher assistit ghal din is-seduta.

Fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2000, ma gara xejn hlief illi l-kawza thalliet ghal nhar it-13 ta' Lulju, 2000. F'din l-ahhar seduta l-imputat rega' ma nstabx, u l-kawza giet differita ghat-13 ta' Lulju, 2000, fejn giet ezebita riferta negattiva tal-imputat. Fid-differiment sussegwenti tat-12 ta' Settembru, 2000, il-kawza giet differita minhabba impenji ohra tal-Qorti – ma giet ezebita ebda riferta. L-akkuzat deher ghas-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2000. Fis-seduta sussegwenti tad-19 ta' Ottubru, 2000, l-imputat rega' ma deherx ghax ma nstabx; dan gara wkoll fis-seduta tas-16 ta'

Novembru, 2000. Ma gara xejn fis-seduta tal-14 ta’ Frar, 200l; u f’dik tat-22 ta’ Mejju, 2001 - fejn fl-ebda wahda ma jidher illi deher l-imputat. L-Ufficjal Prosekutur deher fis-seduta tat-22 ta’ Mejju, 2001 u ddikkjara li ma kellux riferta pozittiva tal-imputat. Fis-seduta tad-19 ta’ Lulju, 2001, l-Ufficjal Prosekutur prezenta riferta pozittiva tal-imputat, li pero ma deherx (folio 46 – 47). Gie ordnat l-arrest tieghu u l-kawza giet differita ghal nhar l-24 ta’ Ottubru, 2001, il-mandat ma giex esegwit, fil-fatt lanqas deher l-Ufficjal Prosekutur. Il-Qorti zammet il-mandat ta’ arrest in vigore u ddiferiet il-kawza ghal nhar l-10 ta’ Jannar, 2002.

Fis-seduti sussegwenti – dik tal-10 ta’ Jannar, 2002; tal-20 ta’ Marzu, 2002, tas-6 ta’ Gunju, 2002; tal-24 ta’ Lulju, 2002; tal-10 ta’ Ottubru, 2002; tad-19 ta’ Dicembru, 2002; tad-19 ta’ Frar, 2003; tal-15 ta’ April, 2003, rega’ ma sar xejn u ma deherx l-imputat. L-istess fis-seduta tat-18 ta’ Lulju, 2003; tat-22 ta’ Ottubru, 2003; u tat-18 ta’ Frar, 2004. Fis-seduta tat-12 ta’ Mejju, 2004, gie verbalizzat illi l-imputat ma kinx instab, pero hemm ezebita riferta pozittiva tieghu a folio 62.

Ghas-seduta tal-24 ta’ Gunju, 2004, l-imputat rega’ ma nstabx. Fis-7 ta’ Ottubru, 2004 ma deher hadd. Fis-seduta sussegwenti tat-12 ta’ Jannar, 2005 jidher illi l-Qorti ma gitx provduta b’Awla, ma jirrizultax illi l-imputat kien prezenti jew notiifkat. Il-kawza giet differita ghall-20 ta’ April, 2005. F’din is-seduta ma deher hadd. Fis-seduta ta’ wara tal-5 ta’ Settembru, 2005, gie dikjarat illi l-imputat rega’ ma kinx instab. Fis-seduta tal-20 ta’ Frar, 2006, l-imputat mhux registrat jekk deherx jew giex notifikat. Fis-seduta tat-18 ta’ Mejju, 2006, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti li l-imputat ma setax jinstab. Fis-seduta tas-27 ta’ Settembru, 2006, gie ordnat illi l-mandat ta’ arrest kontra l-imputat kellu jibqa’ in vigore. Fis-seduta tad-29 ta’ Novembru, 2006, l-imputat rega’ ma deherx. Lanqas ma deher fis-seduta tas-26 ta’ April, 2007; lanqas fis-6 ta’ Gunju, 2007, fejn il-kawza thalliet sine die. Fis-seduta tas-6 ta’ Gunju, 2007, l-Ufficjal Prosekutur deher u rega’ ddikkjara li l-imputat kien ghadu mhux notifikat. Il-kawza regghet thalliet sine die. Fis-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2013, il-Qorti regghet giet infurmata li l-imputat rega’ ma nstabx. Il-kawza giet differita ghall-5 ta’ Dicembru, 2013, f’liema seduta sar il-verbal tad-Difiza hawn fuq suriferit.

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubbju, il-Qorti taqbel ma’ dak illi esponiet id-Difiza fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru, 2013 - illi l-Artikolu 687(2) illi jitkellem dwar sospensjoni tal-preskrizzjoni, liema Artikolu dahal fis-sehh fis-sena 2002, ma japplikax ghall-kaz in dezamina, stante li l-mandat ta’ arrest

skondtu nhareg fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2001 – allura qabel l-emendi. Taqbel il-Qorti fil-principju ma' dan, in vista' tal-fatt illi l-Ligi proceduráli biss ghandha effett retroattiv.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghal dak illi ntqal fil-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs George Faenza et", deciza nhar is-7 ta' Jannar, 2005:

"*Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju nullum crimen, nulla peona sine lege li minnu titnissel il-regola konkomitanti tan-non-reatroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*[1] *kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea*[2]*. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom Human Rights and Criminal Justice* [3]*:*

*"There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable."* [4]

*Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-non-reatroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida – ara, fost*

[1] 39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."

[2] 7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.

[3] Sweet & Maxwell (London), 2001.

[4] P. 282, para. 10-05.

*ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet The Republic of Malta v. Ravi Ramani u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri. Jinghad "bhala regola" ghax ma huwiex eskluz li jista' jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`.*"

Issa d-dottrina accettata fil-gurisprudenza taghna fil-konfront tal-preskrizzjoni, hija li din hija ta' natura sostantiva, u mhux procedurali. Jghid il-Profs Mamo fin-noti tieghu (Notes on Criminal Procedure, Page 42):

"*It may happen that prescription may commence to run under one Law and become complete when a new Law has already come into force. The most commonly accepted doctrine is that where the Laws which succeed one another vary as to the condition or effect of prescription, the same principle should apply as govern the operation of substantive criminal Law in the circumstances, ie:*

i. *That the Law in force at the time of the commission of the offence applies to the prescription which has commenced to run while the Law was in force;*
ii. *That nevertheless, the provisions of a subsequent Law which comes into operation after the commencement of prescription apply retroactively if they are more favourable to the defendant.*"

Din il-Qorti ser tghaddi anke biex taghmel referenza ghal dak illi qalet din il-Qorti diversament preseduta, f'decizjoni moghtija nhar it-30 ta' Settembru, 2013, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Victor Pisani", fejn giet citata d-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Grima", datata 2 ta' Mejju, 1994, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn il-Qorti qalet hekk:

"9. *F'materja kriminali, ghall-inqas, il-ligi procedurali hija min-natura taghha retroattiva. Jigifieri bhala regola, ghal dak li jirrigwarda procedura, il-ligi li ghandha tigi applikata hija dik in vigore fi zmien il-proceduri, minkejja li fi zmien il-kommissjoni tar-reat il-proceduri setghu*

*kienu regolati b'ligi differenti. Dan huwa applikabbli irrispettivament minn jekk il-ligi precedenti kinitx izjed jew inqas favorevoli ghall-imputat.*
*10. Il-ligi sostanzjali, ghall-kuntrarju, bhala regola, ma tapplikax retrospettivament. Ghandha tigi applikata l-ligi in vigore fid-data tal-kommissjoni tar-reat, sakemm ma tkunx inqas favorevoli ghall-imputat.*
*11. Fil-Kodici Kriminali, l-preskrizzjoni hija trattata fit-Tieni Ktieb intestata "Ligijiet ta' Procedura Kriminali." Ghalhekk jidher li l-ligi dwar il-preskrizzjoni ghandha titqies bhala ligi procedurali. Apparentement allura, a tenur tar-regola generali premessa fil-paragrafi 9 u 10 hawn fuq, kwantu ghall-preskrizzjoni ghandha tigi applikata l-ligi fis-sehh fi zmien il-procediment, anki retroattivament a rigward reat kommess f'data precedenti li fiha kienet in vigore ligi ohra.*
*12. B'danakollu l-ligi dwar il-preskrizzjoni, fl-essenza u fl-operazzjoni prattika taghha, realment hija istitut tal-ligi sostanzjali u mhux procedurali. Din il-ligi ma tirrigwardax il-process jew il-forma tal-proceduri, izda tirrigwarda l-iskop u l-oggett ta' dawn il-proceduri. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex, u mhux il-mezzi li bihom dak il-fini ghandu jigi miksub. Ghalhekk fil-kaz tal-preskrizzjoni, il-ligi recenti ma ghandhiex tigi applikata retroattivament. Ma ghandhiex tigi hekk applikata, jigifieri, sakemm ma tkunx aktar favorevoli ghall-imputat.*"

Illi certament l-akkuzi kontra Carmel Azzopardi jirrisalu ghas-sena 1998, ferm qabel l-1 ta' Mejju, 2002 meta dahal fis-sehh l-Att Numru III tas-sena 2002. Certament ir-reati lilu addebitati huma preskrivibbli bit-terminu ta' sentejn(2), konsegwentement din il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet premessi tiddikkjara l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Azzopardi bhala preskritti u tilliberah mill-istess.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------